# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 30 ta' April 2001**

**Avviz. numru 410/98**

**Numru 18**

**Salvina Zahra**

**vs**

**Monica Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li tizgombra mill-fond "Gizimina", Triq il-Kappillan Mifsud, St Venera, stante li l-konvenuta qed tokkupa l-istess minghajr titolu validu fil-ligi. Bl-ispejjez. Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni. Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix l-Lm1,000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (a fol 15 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti m'hix kompetenti sabiex tiddeciedi din il-kawza in kwantu t-talba missa saret quddiem il-Bord li Jerregola l-Kera.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal suespost, w f'kwalsiasi kaz it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istess konvenuta ghandha dritt tokkupa l-fond de quo.

3. Illi l-konvenuta tigi bint l-attrici u hija qed tokkupa l-fond flimkien ma l-attrici kif dejjem ghamlet a bazi ta' l-obbligu ta' l-omm skond il-Ligi li tiehu hsieb lill-bintha.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dawn il-proceduri, gew prodotti, biss, zewg xhieda u dan da parti tal-attrici u avolja l-konvenuta inghatat opportunita' ampja sabiex tipproduci l-provi taghha in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnha.

Illi dawn ix-xhieda huma s-segwenti:-

a) <u>Paul Zahra</u> (fol 23 et tal-istess atti) bin l-attrici u hu l-konvenuta spjega li hu flimkien mal-partijiet f'din il-kawza jirrisjedi fil-fond in kwistjoni. Hu kompla jippreciza li, fl-istess dar, jirrisjedu l-attrici kif ukoll erbat ahwa fosthom hu u l-konvenuta li ".... mhux mizzewga izda ghandha zewgt itfal". In rigward l-istess konvenuta, hu qal li hi ma thallasx kera, li hi ghandha post iehor disponibbli ghaliha sabiex tirrisjedi go fih, liema post hu sitwat f'Santa Lucija, u li hi, dejjem l-istess konvenuta "... iggib inkwiet bejna l-ahwa."

b) L-istess <u>attrici</u>, li xehdet quddiem l-Imhallef Supplenti, l-Avukat Dottor Richard Sladden (ara fol 31 et seq ibid) spjegat x'inhuma r-ragunjiet ghaliex ma tixtieqx illi l-konvenuta tibqa' tirrisjedi maghha fil-post in kwistjoni wara li specifikat li l-istess konvenuta kellha post iehor disponibbli ghaliha, kif di gja inghad f'Santa Lucija u li din ma thallasx kera (jew xi kumpens iehor ta' kwalinkwa xorta) sabiex toqghod fil-post in kwistjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif di gja gie premess, l-ebda prova ma ingiebet mill-konvenuta sabiex tissostanzja l-eccezzjonijiet taghha.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi, kif sintetizzati, ma jidhirx li din il-kawza hi ta' kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera stante li ma irrisultax li dan il-kaz trattasi ta' titolu ta' kera skond il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u kif definit f'dan il-Kapitolu citat.

Illi, inoltre, l-konvenuta, ormai maggorenni, jidher li ghandha post iehor disponibbli ghaliha sabiex tirrisjedi go fih flimkien mat-tfal minuri taghha u ma spjegatx x'inhu d-dritt li ghandha skond il-ligi sabiex tkompli tirrisjedi fil-post specifikat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tilqa t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuta sabiex sat-30 ta' Gunju 2001 tizgombra mill-fond "Gizimina", Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera stante li hi qed tokkupa l-istess minghajr titolu validu fil-ligi, bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta.

Alan Calleja
Dep.Reg